

Brussell, 8 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10043/17

Fajls Interistituzzjonali:
2016/0370 (CNS)
2016/0372 (NLE)

FISC 130
ECOFIN 504
UD 145

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14820/16 FISC 207 ECOFIN 1111 IA 126 14821/16 FISC 208 ECOFIN 1112 IA 127
Sugġett:	<ul style="list-style-type: none">– Proposal for a Council Directive amending Directive 2006/112/EC and Directive 2009/132/EC as regards certain value added tax obligations for supplies of services and distance sales of goods– Proposal for a Council Implementing Regulation amending Implementing Regulation (EU) No 282/2011 laying down implementing measures for Directive 2006/112/EC on the common system of value added tax <p>= Presidency compromise</p>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-kompromess tal-Presidenza l-aktar reċenti dwar il-proposti tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi
tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ b'distanza ta'
merkanzija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE³ tipprevedi skemi speċjali għall-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għal persuni taxxabli mhux stabbiliti li jipprovdu servizzi ta' telekomunikazzjoni, ta' xandir jew dawk fornuti b'mod elettroniku lil persuni mhux taxxabli.
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE⁴ tipprevedi eżenzjoni mill-VAT għall-importazzjonijiet ta' kunsinni żgħar b'valur negliġibbli.
- (3) Il-valutazzjoni ta' dawk l-iskemi speċjali kif introdotti fl-1 ta' Jannar 2015 identifikat numru ta' oqsma fejn hemm lok għal titjib. L-ewwel nett, jenħtieġ li jitnaqqas il-piż għan-negozji mikro stabbiliti fi Stat Membru li kultant jipprovdu t-tali servizzi lil Stati Membri oħrajn sabiex jikkonformaw mal-obbligi tal-VAT fi Stati Membri oħrajn li mhumiex l-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom. Għaldaqstant jenħtieġ li jiddaħħal limitu li japplika madwar il-Komunità kollha li, f'ammonti anqas minnu, tali provvisti jibqgħu soġġetti għall-VAT fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom. It-tieni, ir-rekwiżit tal-konformità mar-rekwiżiti ta' fatturazzjoni u ta' żamma tar-reġistri tal-Istati Membri kollha fejn jintbagħtu l-provvisti huwa ta' piż kbir. B'hekk, sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq in-negozji, jenħtieġ li r-regoli dwar il-fatturazzjoni jkunu dawk applikabbli fl-Istat Membru tal-identifikazzjoni tal-fornitur li juża l-iskemi speċjali. It-tielet, il-persuni taxxabli mhux stabbiliti fil-Komunità iżda li għandhom reġistrazzjoni tal-VAT fi Stat Membru (eż. għaliex iwettqu tranżazzjonijiet okkażjonali soġġetti għall-VAT f'dak l-Istat Membru) la jistgħu jużaw l-iskema speċjali għall-persuni taxxabli mhux stabbiliti fil-Komunità, u lanqas l-iskema speċjali għall-persuni taxxabli stabbiliti fil-Komunità. Konsegwentement, huwa propost li t-tali persuni taxxabli għandhom jitħallew jużaw l-iskema speċjali għall-persuni taxxabli mhux stabbiliti fi ħdan il-Komunità.

³ Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

⁴ Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 143(b) u (c) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 5).

- (4) Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-iskemi speċjali għall-intaxxar tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, ta' xandir jew dawk fornuti b'mod elettroniku introdotti fl-1 ta' Jannar 2015 uriet li r-rekwiżit għall-preżentazzjoni tad-denunzja tal-VAT fi żmien 20 jum wara tmiem il-perijodu tat-taxxa kopert mid-denunzja huwa qasir wisq, speċjalment għall-provvisti permezz ta' netwerk ta' telekomunikazzjoni, interfaċċja jew portal, fejn is-servizzi pprovduti minn fuq dak in-netwerk, interfaċċja jew portal ikunu supponuti li ġew ipprovduti mill-operatur tan-netwerk, interfaċċja jew portal, li jrid jiġbor l-informazzjoni sabiex jimla d-denunzja tal-VAT mingħand kull fornitur individwali tas-servizz. Il-valutazzjoni wriet ukoll li r-rekwiżit li jsiru korrezzjonijiet fid-denunzja tal-VAT tal-perijodu tat-taxxa kkonċernat huwa ta' piż kbir għall-persuni taxxabli, peress li jista' jkollhom bżonn jerġġhu jippreżentaw diversi denunzji tal-VAT kull trimestru. Konsegwentement, jenħtieġ li l-iskadenza għall-preżentazzjoni tad-denunzja tal-VAT tiġi estiża minn 20 għal 30 jum wara tmiem il-perijodu tat-taxxa u jenħtieġ li l-persuni taxxabli jitħallew jikkoreġu d-denunzji preċedenti tal-VAT f'denunzja sussegwenti minflok fid-denunzji tal-perijodi tat-taxxa li magħhom huma relatati l-korrezzjonijiet.
- (5) Sabiex jiġi evitat li l-persuni taxxabli li jipprovdu servizzi, għajr is-servizzi ta' telekomunikazzjoni, ta' xandir jew dawk fornuti b'mod elettroniku, lil persuni mhux taxxabli jkollhom jiġu identifikati, għal finijiet tal-VAT, f'kull Stat Membru individwali fejn dawn is-servizzi huma soġġetti għall-VAT, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu lill-persuni taxxabli li jipprovdu t-tali servizzi sabiex jużaw is-sistema informatika għar-reġistrazzjoni u għad-denunzja u l-ħlas tal-VAT li tippermettilhom jiddikjaraw u jħallsu l-VAT fuq dawn is-servizzi fi Stat Membru wieħed.
- (6) Sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sitwazzjonijiet fejn il-merkanzija tinxtara u tiġi pprovduta aktar 'il quddiem lix-xerrej sussegwenti, u bil-ħsieb li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi, jenħtieġ li ssir referenza għall-mezzi l-ġodda ta' interazzjoni elettronika li bihom jiġu konklużi t-tranżazzjonijiet.

- (7) Billi l-fatt li s-suq intern sar realtà, il-globalizzazzjoni u t-tibdil teknoloġiku wasslu għat-tkabbir enormi tal-kummerċ elettroniku, u miegħu l-bejgħ b'distanza ta' merkanzija, kemm dak provdut minn Stat Membru għal ieħor, kif ukoll dak minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi lejn il-Komunità. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi 2006/112/KE u 2009/132/KE jenħtieġ li jiġu adattati għal din l-evoluzzjoni, waqt li jitqiesu l-prinċipju ta' tassazzjoni fid-destinazzjoni, il-bżonn tal-protezzjoni tad-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri, il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji kkonċernati u t-tnaqqis tal-piżijiet fuqhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-iskema speċjali għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, ta' xandir jew dawk fornuti b'mod elettroniku provduti minn persuni taxxabli stabbiliti fil-Komunità iżda mhux fl-Istat Membru tal-konsum tiġi estiża għall-bejgħ intra-Komunitarju b'distanza ta' merkanzija u jenħtieġ li tiddaħħal skema speċjali simili għall-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi.
- (8) Sabiex jitnaqqas il-piż għan-negozji li jużaw l-iskema speċjali għall-bejgħ intra-Komunitarju b'distanza ta' merkanzija, jenħtieġ li jitneħħa l-obbligu li tinħareġ fattura għat-tali bejgħ. Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali lit-tali negozji, jenħtieġ li r-regoli li jiddeterminaw il-post ta' dawk il-provvisti tal-merkanzija jiddikjaraw biċ-ċar li japplikaw ukoll meta l-merkanzija tiġi ttrasportata jew tintbagħat indirettament għan-nom tal-fornitur jew meta l-fornitur jintervjeni indirettament fit-trasport tal-merkanzija jew biex tintbagħat.
- (9) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jkun ristrett għall-bejgħ ta' merkanzija b'valur intrinsiku li ma jaqbix EUR 150, li f'ammonti akbar minnu tkun meħtieġa dikjarazzjoni doganali sħiħa għal skopijiet doganali mal-importazzjoni. Sabiex tiġi evitata t-taxxa doppja, jenħtieġ li tiddaħħal eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud mal-importazzjoni tal-merkanzija ddikjarata skont din l-iskema speċjali. Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-fornituri ġewwa l-Komunità u dawk barra minnha, u sabiex jiġi evitat telf ta' dħul mit-taxxa, hemm bżonn li titneħħa l-eżenzjoni għall-importazzjonijiet ta' merkanzija f'kunsinni żgħar b'valur negliġibbli prevista fid-Direttiva 2009/132/KE.

- (10) Jenħtieġ li persuna taxxabli li tuża l-iskema speċjali għall-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi titħalla tinnomina intermedjarju stabbilit fil-Komunità bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT u biex tissodisfa l-obbligi stabbiliti fl-iskema speċjali f'isimha u għan-nom tagħha.
- (11) Sabiex ikun protett id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri, jenħtieġ li persuna taxxabli mhux stabbilita fil-Komunità li tuża din l-iskema speċjali tkun obligata tinnomina intermedjarju. Madankollu, jenħtieġ li dan l-obbligu ma japplikax jekk il-persuna tkun stabbilita f'pajjiż li miegħu l-UE kkonkludiet ftehim dwar l-assistenza reċiproka. Jenħtieġ li dawn l-awtorizzazzjonijiet ikunu soġġetti għal lista stretta ta' kriterji stabbiliti ċari.
- (12) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-istabbiliment tal-lista ta' pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim dwar l-assistenza reċiproka b'kamp ta' applikazzjoni simili għad-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE⁵ u għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010⁶, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷. Peress li l-istabbiliment tal-lista ta' pajjiżi terzi huwa marbut direttament mal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, xieraq li l-Kummissjoni tkun assistita mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

⁵ Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE tas-26 ta' Mejju 2008 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet rigward ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra (ĠU L 150, 10.6.2008, p. 28).

⁶ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 10).

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (13) Wara t-tkabbir enormi tal-kummerċ elettroniku u ż-żieda li rriżultat fin-numru ta' kunsinni żgħar importati fil-Komunità b'valur intrinsiku li ma jaqbix il-EUR 150, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu b'mod sistematiku l-użu ta' arranġamenti speċjali għad-denunzja u għall-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni. Dan l-arranġament jista' jiġi applikat meta ma tintużax l-iskema speċjali għall-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi u meta l-klijent finali ma jkunx għażel il-proċedura standard ta' importazzjoni sabiex jibbenefika minn rata potenzjalment imnaqqsata tal-VAT.
- (14) Fejn rilevanti, id-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandha tqis iż-żmien meħtieġ sabiex jiġu implimentati l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u sabiex l-Istati Membri jadattaw is-sistema informatika tagħhom għar-reġistrazzjoni u għad-denunzja u l-ħlas tal-VAT.
- (15) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-obbligi tal-VAT, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (16) Skont id-Dikjarazzjoni politika konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni⁸, l-Istati Membri ħadu l-impenn li f'każijiet ġustifikati jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iktar li jispjega r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. F'dak li għandu x'jaqsam ma' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata.
- (17) Jenħtieġ għalhekk li d-Direttivi 2006/112/KE u 2009/132/KE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

⁸ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2006/112/KE b'effett mill-1 ta' Jannar 2018

B'effett mill-1 ta' Jannar 2018, id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 58 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 58

1. Il-post ta' provvista tas-servizzi li ġejjin lil persuna mhux taxxabbli għandu jkun il-post fejn hija stabbilita dik il-persuna, għandha l-indirizz permanenti tagħha jew fejn normalment tirisjedi:

- (a) servizzi ta' telekomunikazzjoni;
- (b) servizzi ta' xandir fuq ir-radju u t-televiżjoni;
- (c) servizzi furnuti b'mod elettroniku, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Anness II.

Fejn il-fornitur ta' servizz u l-klijent jikkomunikaw permezz tal-posta elettronika, dak m'għandux fih innifsu jfisser li s-servizz provdut huwa servizz furnut b'mod elettroniku.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fornitur huwa stabbilit jew, fin-nuqqas ta' stabbiliment, għandu l-indirizz permanenti tiegħu jew normalment jirresjedi fi Stat Membru wieħed biss;
- (b) is-servizzi huma pprovduti lil klijenti li jinsabu fi kwalunkwe Stat Membru għajr l-Istat Membru msemmi fil-punt (a);
- (c) il-valur totali, mingħajr VAT, tat-tali provvisti ma jaqbiżx l-EUR 10 000 fis-sena kalendarja attwali, jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali, u ma għamilx dan matul is-sena kalendarja preċedenti.

3. Meta, matul sena kalendarja, jinqabeż il-limitu msemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 2, il-paragrafu 1 għandu japplika minn dak iż-żmien.
 4. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huma stabbiliti l-fornituri msemmijin fil-paragrafu 2 jew, fin-nuqqas ta' stabbiliment, għandhom l-indirizz permanenti tagħhom jew fejn normalment jirresjedu, għandu jagħti lil dawk il-fornituri d-dritt li jagħżlu li l-post ta' provvista jiġi ddeterminat skont il-paragrafu 1, li fi kwalunkwe każ għandu jkopri sentejn kalendarji.
 5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jissorveljaw l-issodisfar mill-persuna taxxabli tal-kundizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 4.
 6. Il-valur korrispondenti tal-ammont fil-munita nazzjonali msemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 2 għandu jiġi kkalkulat billi tiġi applikata r-rata tal-kambju ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fid-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva."
- (2) L-Artikolu 219a jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 219a

1. Il-fatturazzjoni għandha tkun soġġetta għar-regoli li japplikaw fl-Istat Membru fejn ikun meqjus li tkun saret il-provvista tal-merkanzija jew is-servizzi, skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-fatturazzjoni għandha tkun soġġetta għar-regoli li ġejjin:
 - (a) ir-regoli li japplikaw fl-Istat Membru fejn il-fornitur stabbilixxa n-negozju tiegħu jew fejn għandu stabbiliment fiss mnejn issir il-provvista jew, fin-nuqqas ta' tali post ta' stabbiliment jew ta' stabbiliment fiss, l-Istat Membru fejn il-fornitur għandu l-indirizz permanenti tiegħu jew fejn normalment jirresjedi, fejn:

- (i) il-fornitur ma jkunx stabbilit fl-Istat Membru li fih il-provvista tal-merkanzija jew is-servizzi huma meqjusin li jkunu saru, skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V, jew l-istabbiliment tiegħu f'dak l-Istat Membru ma jintervjenix fil-provvista fis-sens tal-Artikolu 192a(b), u l-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT tkun il-persuna li lilha jkunu ġew ipprovduti l-merkanzija jew is-servizzi.
 - (ii) il-provvista tal-merkanzija jew is-servizzi ma tkunx meqjusa li saret ġewwa l-Komunità, skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V;
- (b) ir-regoli li japplikaw fl-Istat Membru fejn huwa identifikat il-fornitur li jagħmel użu minn waħda mill-iskemi speċjali msemmijin fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII.

Meta l-fornitur ma jkunx stabbilit fl-Istat Membru fejn titqies li saret il-provvista ta' merkanzija jew ta' servizzi u l-klijent joħroġ il-fattura (awtofaturazzjoni) jew meta ma jsir ebda użu mill-iskemi speċjali msemmijin fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII, għandu japplika l-paragrafu 1.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 244 sa 248."

(3) fl-Artikolu 358a, il-punt (1) jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

(1) "persuna taxxabli mhux stabbilita fil-Komunità" tfisser persuna taxxabli li ma tkunx stabbilixxiet in-negozju tagħha fit-territorju tal-Komunità u li ma jkollha l-ebda stabbiliment f'hemmhekk;"

(4) fl-Artikolu 361(1), il-punt (e) jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(e) dikjarazzjoni li l-persuna ma tkunx stabbilixxiet in-negozju tagħha fit-territorju tal-Komunità u li ma jkollha l-ebda stabbiliment f'hemmhekk."

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 2006/112/KE b'effett mill-1 ta' Jannar 2021

Mill-1 ta' Jannar 2021, id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:

(1) Jiżdied Artikolu 13a ġdid:

- "1. Fejn persuna taxxabbli, permezz tal-użu ta' interfaċċi elettroniċi bħal postijiet tas-suq, pjattaformi, portali u mezzi simili, tiffaċilita l-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi f'kunsinni ta' valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150, dik il-persuna taxxabbli għandha titqies li rċeviet dik il-merkanzija u komplet tforniha hi stess bħala bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi.
2. Fejn persuna taxxabbli tipprovdi arranġamenti tal-ħażna għall-bejgħ b'distanza ta' merkanzija msemmi fl-Artikolu 33(1), bil-konsenja jew bil-konsenja mill-ġdid, jew mingħajrha, u fejn tali merkanzija ma tiġix iffaċilitata permezz tal-użu ta' interfaċċi elettroniċi bħal postijiet tas-suq, pjattaformi, portali u mezzi simili, dik il-persuna taxxabbli għandha titqies li rċeviet dik il-merkanzija u komplet tforniha hi stess bħala bejgħ b'distanza ta' merkanzija."

(2) L-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introdutturju jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 32, il-post ta' provvista tal-merkanzija mibgħuta jew ittrasportata mill-fornitur, jew għan-nom tiegħu, jew fejn il-fornitur jintervjeni direttament biex il-merkanzija tintbagħat jew tiġi ttrasportata, minn Stat Membru li mhux dak li fih tispiċċa l-merkanzija mibgħuta jew ittrasportata, jitqies bħala l-post fejn tinsab il-merkanzija fil-ħin li jintemm it-tluq jew it-trasport għall-konsumatur, fejn jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:"

(b) fil-paragrafu 2 jiżdied is-sottoparagrafu li ġej:

"Meta l-merkanzija tintbagħat jew tiġi ttrasportata minn territorju terz jew minn pajjiż terz u tiġi importata mill-fornitur, jew mill-intermedjarju li jaġixxi għan-nom tiegħu, fl-Istat Membru fejn jintemm it-tluq jew it-trasport tal-merkanzija, il-merkanzija għandha titqies li ġiet ipprovduti f'dak l-Istat Membru dment li l-VAT fuq dik il-merkanzija tiġi ddikjarata skont l-iskema speċjali tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII."

(3) L-Artikolu 34 jitħassar.

(4) L-Artikolu 35 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 35

L-Artikolu 33 ma għandux japplika għal provvisti ta' oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet, kif iddefiniti fil-punti (1) sa (4) tal-Artikolu 311(1), lanqas għal provvisti ta' mezzi ta' trasport użati, kif iddefiniti fl-Artikolu 327(3), soġġetti għall-VAT skont l-arranġamenti speċjali rilevanti."

(5) fl-Artikolu 58, jitħassru l-paragrafi 2 sa 6.

(6) fit-Titolu V jizzied il-Kapitolu 3a li ġejj:

"KAPITOLU 3a

Limitu għall-persuni taxxabli li jagħmlu provvisti ta' merkanzija koperti mill-Artikolu 33(1) u provvisti ta' servizzi koperti mill-Artikolu 58

Artikolu 59c

1. L-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 58 ma għandhomx japplikaw fejn huma ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-fornitur huwa stabbilit jew, fin-nuqqas ta' stabbiliment, għandu l-indirizz permanenti tiegħu jew normalment jirresjedi fi Stat Membru wieħed biss;
 - (b) is-servizzi huma pprovduti jew il-merkanzija tintbagħat jew hija ttrasportata lill-klijenti li jinsabu fi kwalunkwe Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru msemmi fil-punt (a); u
 - (c) il-valur totali, mingħajr VAT, tal-provvisti koperti minn dawn id-dispozzjonijiet ma jaqbix l-EUR 10 000, jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali fis-sena kalendarja attwali, u lanqas ma għamel dan matul is-sena kalendarja preċedenti.
2. Meta, matul sena kalendarja, jinqabeż il-limitu msemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, l-Artikoli 33(1) u 58 għandhom japplikaw minn dak iż-żmien.
3. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab il-merkanzija meta tintbagħat jew meta jibda t-transport tagħha jew fejn huma stabbiliti l-persuni taxxabli li jipprovdu servizzi ta' telekomunikazzjoni, ta' xandir fuq ir-radju u t-televiżjoni u servizzi fornuti b'mod elettroniku għandu jagħti lill-persuni taxxabli li jwettqu l-provvisti eliġibbli skont il-paragrafu 1, id-dritt li jagħżlu li l-post ta' provvista jiġi stabbilit skont l-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 58, li fi kwalunkwe każ għandu jkopri sentejn kalendarja.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jissorveljaw l-issodisfar mill-persuna taxxabli tal-kundizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3.

5. Il-valur korrispondenti tal-ammont fil-munita nazzjonali msemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat billi tiġi applikata r-rata tal-kambju ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fid-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva."

(7) fl-Artikolu 143(1), jiddaħħal il-punt (ca) li ġej:

"(ca) l-importazzjoni ta' merkanzija fejn il-VAT tiġi ddikjarata skont l-iskema speċjali fil-Kapitolu 6, Taqsima 4, tat-Titolu XII u fejn, sa mhux aktar tard mill-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-importazzjoni, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-fornitur jew tal-intermedjarju li jaġixxi għan-nom tiegħu allokat skont l-Artikolu 369q ġie pprovdut lill-uffiċċju doganali kompetenti fl-Istat Membru tal-importazzjoni;"

(8) fl-Artikolu 178 jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) meta tkun meħtieġa tħallas il-VAT bħala klient fejn tapplika t-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII, irid ikollha fattura jew dokument minflokha maħruġ mill-persuna taxxabli li tuża l-iskema speċjali jew, jekk applikabbli, l-intermedjarju tagħha, fejn ikunu identifikati biċ-ċar il-VAT imħallsa u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT allokat skont l-Artikolu 369q."

(9) fl-Artikolu 220(1), il-punt (2) jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(2) il-provvisti ta' merkanzija kif imsemmija fl-Artikolu 33 ħlief meta persuna taxxabli tuża l-iskema speċjali fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII;"

(9a) fl-Artikolu 207, l-ewwel subparagrafu jiġi ssostitwit b'li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-persuni li, skont l-Artikoli 194 sa 197 u l-Artikoli 199, 204 u 369l(3), jitqiesu li huma responsabbli għall-ħlas tal-VAT minflok persuna taxxabli li mhix stabbilita fit-territorju rispettiv tagħhom jikkonformaw mal-obbligi tal-ħlas imniżżla f'din it-Taqsima."

(10) L-intestatura tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Skemi speċjali għal persuni taxxabli mhux stabbiliti li jipprovdu servizzi jew li jbigħu prodotti b'distanza lil persuni mhux taxxabli"

(11) L-Artikolu 358 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-punti 1, 2 u 3;

(b) jiddaħħal il-punt 3a li ġej:

"(3a) 'bejgħ b'distanza ta' merkanzija' tfisser il-bejgħ ta' merkanzija li l-post ta' provvista tagħha huwa rregolat mill-Artikolu 33(1) u merkanzija f'kunsinni b'valur intrinsiku li ma jaqbiżx il-EUR 150 li l-post ta' provvista tagħha huwa rregolat mill-Artikolu 33(2);".

(12) L-intestatura tat-Taqsima 2 tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Skema speċjali għal servizzi pprovduti minn persuni taxxabli mhux stabbiliti fil-Komunità"

(13) fl-Artikolu 358a, jiżdied il-punt 3 li ġej:

"(3) 'Stat Membru tal-konsum' tfisser l-Istat Membru fejn il-provvista ta' servizzi titqies li sseħħ skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu V;".

(14) L-Artikolu 359 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 359"

L-Istati Membri għandhom jippermettu lil kwalunkwe persuna taxxabli li mhijiex stabbilita fil-Komunità li tipprovdi servizzi lil persuna mhux taxxabli li hija stabbilita fi Stat Membru jew għandha l-indirizz permanenti tagħha jew is-soltu tirrijsedi fi Stat Membru, sabiex tuża din l-iskema speċjali. Din l-iskema tapplika għal dawk is-servizzi kollha pprovduti fil-Komunità."

(15) fl-Artikolu 363, il-punt (a) jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) jekk tinnotifika lil dak l-Istat Membru li ma għadhiex tipprovdi servizzi koperti minn din l-iskema speċjali;"

(16) l-Artikoli 364 u 365 jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 364

Il-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità li tuża din l-iskema speċjali għandha tippreżenta permezz ta' mezzi elettroniċi lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni denunzja tal-VAT għal kull kwart tas-sena kalendarja kemm jekk ġew ipprovdu servizzi koperti minn din l-iskema speċjali kif ukoll jekk le. Id-denunzja tal-VAT għandha tiġi ppreżentata fi żmien 30 jum mit-tmiem tal-perijodu tat-taxxa kopert mid-denunzja.

Artikolu 365

Id-denunzja tal-VAT għandha turi n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT u, għal kull Stat Membru ta' konsum fejn il-VAT hija dovuta, il-valur totali, mingħajr VAT, ta' provvisti tas-servizzi koperti minn din l-iskema speċjali mwettqa matul il-perijodu tat-taxxa u l-ammont totali għal kull rata tal-VAT korrispondenti. Ir-rati tal-VAT applikabbli u l-VAT totali dovuta għandhom jiġu indikati wkoll fid-denunzja.

Meta jkun meħtieġ li jsiru xi emenda fid-denunzja tal-VAT wara li tkun ġiet preżentata, it-tali emendi għandhom ikunu inklużi f'denunzja sussegwenti sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data li fiha d-denunzja inizjali kienet meħtieġa tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 364. Dik id-denunzja sussegwenti tal-VAT għandha tidentifika l-Istat Membru ta' konsum rilevanti, il-perijodu tat-taxxa u l-ammont tal-VAT li għalih l-emendi jkunu meħtieġa."

(17) L-Artikolu 368 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 368

Il-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità li tuża din l-iskema speċjali ma tistax tnaqqas il-VAT skont l-Artikolu 168 ta' din id-Direttiva. Minkejja l-punt (1) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 86/560/KEE, il-persuna taxxabbli inkwistjoni għandha tiġi rimborżata skont dik id-Direttiva. L-Artikolu 2(2) u (3) u l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 86/560/KEE ma għandhomx japplikaw għal rifużjonijiet li jirrigwardaw servizzi koperti minn din l-iskema speċjali.

Jekk il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali hija mitluba tkun reġistrata fi Stat Membru għal attivitajiet li mhumiex koperti minn din l-iskema speċjali, hija għandha tnaqqas il-VAT imħallsa f'dak l-Istat Membru fir-rigward tal-attivitajiet taxxabbli tagħha li huma koperti minn din l-iskema speċjali fid-denunzja tal-VAT li għandha tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 250."

(18) l-intestatura tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Skema speċjali għal bejgħ intra-Komunitarju b'distanza u għal servizzi pprovduti minn persuni taxxabbli stabbiliti fil-Komunità iżda mhux fl-Istat Membru ta' konsum"

(19) L-Artikolu 369a huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt 1a li ġej:

"(1a) 'bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija' tfisser il-bejgħ ta' merkanzija mibgħuta jew trasportata mill-fornitur, jew għan-nom tiegħu, jew fejn il-fornitur jintervjeni indirettament biex il-merkanzija tiġi ttrasportata jew tintbagħat, lejn Stat Membru li mhux dak li fih tispiċċa l-merkanzija mibgħuta jew ittrasportata u li l-post ta' provvista tal-merkanzija huwa rregolat mill-Artikolu 33(1);"

(b) jizzied il-punt 3 li ġej:

"(3) 'Stat Membru tal-konsum' tfisser l-Istat Membru fejn titqies li ssir il-provvista tas-servizzi skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu V jew, fil-każ ta' bejgħ intra-Komunitarju b'distanza ta' merkanzija, l-Istat Membru li fih tispiċċa l-merkanzija mibgħuta jew ittrasportata lill-konsumatur."

(20) L-Artikoli 369b u 369c għandhom jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 369b

L-Istati Membri għandhom jippermettu lil kwalunkwe persuna taxxabbli twettaq bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija u lil kwalunkwe persuna taxxabbli mhux stabbilita fl-Istat Membru ta' konsum tipprovdi servizzi lil persuna mhux taxxabbli, sabiex tuża din l-iskema speċjali. Din l-iskema speċjali għandha tapplika għal dik il-merkanzija jew dawk is-servizzi kollha pprovduti fil-Komunità.

Artikolu 369c

Persuna taxxabbli għandha tiddikjara lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni meta tibda u tieqaf mill-attivitajiet taxxabbli tagħha koperti b'din l-iskema speċjali, jew tbiddel dawk l-attivitajiet b'tali mod li ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali. Hi għandha tikkomunika dik l-informazzjoni b'mod elettroniku."

(21) L-Artikolu 369e għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem introdutturju għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jeskludi lil persuna taxxabbli mill-iskema speċjali fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:"

(b) il-punt (a) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) jekk tinnotifika li ma għadhiex twettaq bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija u provvisti ta' servizzi koperti minn din l-iskema speċjali;"

(22) L-Artikoli 369f u 369g għandhom jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 369f

Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali għandha tippreżenta lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni b'mezzi elettroniċi denunzja tal-VAT għal kull tliet xhur kalendarji kemm jekk sar bejgħ b'distanza intra-Komunitarju jew kemm jekk ġew ipprovduti servizzi koperti minn din l-iskema speċjali jew le. Id-denunzja tal-VAT għandha tiġi ppreżentata fi żmien 30 jum mit-tmiem tal-perijodu tat-taxxa kopert mid-denunzja.

Artikolu 369g

1. Id-denunzja tal-VAT għandha turi n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fl-Artikolu 369d u, għal kull Stat Membru ta' konsum fejn hi dovuta l-VAT, il-valur totali, mingħajr VAT, tal-bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija kif ukoll tal-provvisti ta' servizzi koperti minn din l-iskema speċjali mwettqa matul il-perijodu tat-taxxa u l-ammont totali skont ir-rata tal-VAT korrispondenti. Ir-rati tal-VAT applikabbli u l-VAT totali dovuta għandhom jiġu indikati wkoll fid-denunzja. Id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi wkoll emendi relatati mal-perijodi tat-taxxa preċedenti kif previst fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.
2. Meta, fil-każ ta' bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija kopert minn din l-iskema speċjali, il-merkanzija tintbagħat jew tiġi ttrasportata minn Stati Membri oħrajn li mhumiex l-Istat Membru ta' identifikazzjoni, id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi wkoll il-valur totali tat-tali bejgħ għal kull Stat Membru mnejn tintbagħat jew tiġi ttrasportata l-merkanzija, flimkien man-numru ta' identifikazzjoni individwali tal-VAT jew in-numru ta' referenza tat-taxxa allokat minn kull Stat Membru bħal dan. Id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi din l-informazzjoni għal kull Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' identifikazzjoni, disaggregata skont l-Istat Membru ta' konsum.

3. Fejn il-persuna taxxabbli li tipprovdi s-servizzi koperti minn din l-iskema speċjali jkollha stabbiliment fiss wieħed jew aktar, minbarra fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni, li minnu jiġu pprovvuti s-servizzi, id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi wkoll il-valur totali ta' tali provvisti, għal kull Stat Membru li fih hija jkollha stabbiliment, flimkien man-numru ta' identifikazzjoni individwali tal-VAT jew in-numru ta' referenza tat-taxxa ta' dan l-istabbiliment, disaggregat skont l-Istat Membru ta' konsum.
4. Meta jkun jeħtieġ li ssir kwalunkwe emenda għad-denunzja tal-VAT wara l-preżentazzjoni tagħha, tali emenda għandha tiġi inkluża f'denunzja sussegwenti sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data li fiha kien jeħtieġ li tiġi ppreżentata d-denunzja inizjali skont l-Artikolu 369f. Dik id-denunzja sussegwenti tal-VAT għandha tidentifika l-Istat Membru ta' konsum rilevanti, il-perijodu tat-taxxa u l-ammont tal-VAT li għalih l-emendi jkunu meħtieġa."

(23) fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 369h(1), it-tieni sentenza għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Jekk il-provvisti jkunu saru f'muniti oħrajn, il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali għandha, għall-finijiet li timla' d-denunzja tal-VAT, tuża r-rata tal-kambju li tapplika fl-aħħar data tal-perijodu tat-taxxa."

(24) fl-Artikolu 369i, l-ewwel paragrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali għandha tħallas il-VAT, filwaqt li tagħmel referenza għad-denunzja tal-VAT rilevanti, mhux aktar tard mill-iskadenza sa meta d-denunzja trid tiġi ppreżentata."

(25) L-Artikolu 369j għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 369j

Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali ma tistax, fir-rigward tal-attivitajiet taxxabbli tagħha koperti minn din l-iskema speċjali, tnaqqas il-VAT imġarrba fl-Istat Membru ta' konsum skont l-Artikolu 168 ta' din id-Direttiva. Minkejja l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/9/KE, il-persuna taxxabbli inkwistjoni għandha tingħata rifiżjoni skont dik id-Direttiva.

Jekk ikun rikjest li l-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali tkun reġistrata fl-Istat Membru għal attivitajiet oħrajn mhux koperti minn din l-iskema speċjali, hija għandha tnaqqas il-VAT imġarrba f'dak l-Istat Membru fir-rigward tal-attivitajiet taxxabbli tagħha li jkunu koperti minn din l-iskema speċjali fid-denunzja tal-VAT li għandha tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 250."

(26) fl-Artikolu 369k, il-paragrafu 1 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali għandha żżomm ir-reġistri tat-transazzjonijiet koperti minn din l-iskema speċjali. Dawk ir-reġistri għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru ta' konsum jivverifikaw li d-denunzja tal-VAT hija korretta."

(27) fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII, għandha tiżdied it-Taqsima 4 li ġejja:

"Taqsima 4

Skema speċjali għall-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn pajjiżi terzi jew territorji terzi

Artikolu 369l

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn pajjiżi terzi jew territorji terzi" tfisser il-bejgħ ta' merkanzija f'kunsinni b'valur intrinsiku li ma jaqbiżx il-EUR 150 li l-post tal-provvista tagħha huwa rregolat mill-Artikolu 33(2);
- (2) "persuna taxxabbli mhux stabbilita fil-Komunità" tfisser persuna taxxabbli li ma tkunx stabbilixxiet in-negozju tagħha fit-territorju tal-Komunità u li ma jkollha l-ebda stabbiliment fiss hemmhekk;
- (3) "intermedjarju" tfisser persuna stabbilita fil-Komunità maħtura mill-persuna taxxabbli li twettaq il-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT u għall-onorar tal-obbligi stabbiliti f'din l-iskema speċjali f'isem tal-persuna taxxabbli jew għan-nom tagħha.
- (4) "Stat Membru ta' identifikazzjoni" tfisser dan li ġej:
 - (a) meta l-persuna taxxabbli ma tkunx stabbilita fil-Komunità, l-Istat Membru li fih hija tagħżel li tkun reġistrata;
 - (b) meta l-persuna taxxabbli tkun stabbilixxiet in-negozju tagħha barra l-Komunità, iżda jkollha stabbiliment fiss wieħed jew aktar fiha, l-Istat Membru bi stabbiliment fiss fejn il-persuna taxxabbli tindika li ser tuża din l-iskema speċjali;
 - (c) meta l-persuna taxxabbli tkun stabbilixxiet in-negozju tagħha fi Stat Membru, dak l-Istat Membru;
 - (d) meta l-intermedjarju jkun stabbilixxa n-negozju tiegħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru;
 - (e) Meta l-intermedjarju jkun stabbilixxa n-negozju tiegħu barra l-Komunità, iżda jkollu stabbiliment fiss wieħed jew aktar fiha, l-Istat Membru bi stabbiliment fiss fejn l-intermedjarju jindika li ser juża din l-iskema speċjali;

- (5) "Stat Membru ta' konsum" tfisser l-Istat Membru fejn jintemm il-bgħit jew it-trasport tal-merkanzija lill-klijent.

Artikolu 369m

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-persuni taxxabli li ġejjin, li jbigħu b'distanza merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi, jużaw din l-iskema speċjali:
 - (a) kwalunkwe persuna taxxabli stabbilita fil-Komunità li tbigħ b'distanza merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi;
 - (b) kwalunkwe persuna taxxabli sew jekk stabbilita fil-Komunità jew le li tbigħ b'distanza merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi u li hija rappreżentata minn intermedjarju stabbilit fil-Komunità;
 - (c) kwalunkwe persuna taxxabli stabbilita f'pajjiż terz li miegħu l-Unjoni kkonkludiet ftehim dwar l-assistenza reċiproka b'kamp ta' applikazzjoni simili għad-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE* u għar-Regolament (UE) Nru 904/2010 u li tbigħ b'distanza merkanzija importata minn dak il-pajjiż terz.
 - (d) kwalunkwe persuna taxxabli ma tistax taħtar aktar minn intermedjarju wieħed kull darba.
- [2. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, persuna taxxabli meqjusa bħala l-fornitur skont l-Artikolu 14a għandha tkun obbligata tuża din l-iskema speċjali.]
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jstabilixxu l-lista ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 u, għal dan l-għan, il-kumitat għandu jkun il-kumitat stabbilit mill-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

* Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE tas-26 ta' Mejju 2008 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet rigward ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra (ĠU L 150, 10.6.2008, p. 28).

Artikolu 369n

Għall-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi li fuqha hija ddikjarata l-VAT skont din l-iskema speċjali, l-avveniment li jagħti lok għal h̄las għandu jseħħ u l-VAT għandha tiġi imposta fil-mument tal-provvista. Il-merkanzija għandha titqies li ġiet ipprovduta malli l-h̄las ikun ġie aċċettat.

Artikolu 369o

Il-persuna taxxabli li tuża din l-iskema speċjali jew intermedjarju li jaġixxi għan-nom tagħha, għandu jiddikjara lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni meta jibda u jieqaf mill-attivitajiet tiegħu skont din l-iskema speċjali, jew ibiddel dik l-attività b'tali mod li ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali. Dik l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata b'mod elettroniku.

Artikolu 369p

- 1 L-informazzjoni li l-persuna taxxabli li ma tużax intermedjarju trid tipprovdi lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni qabel ma tibda tuża din l-iskema speċjali għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin:
 - (a) isem;
 - (b) indirizz postali;
 - (c) indirizz elettroniku u siti tal-internet;
 - (d) numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew numru tal-kodiċi fiskali nazzjonali.

2. L-informazzjoni li l-intermedjarju jrid jipprovdi lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni qabel ma jibda juża din l-iskema speċjali għan-nom ta' persuna taxxabli waħda jew aktar għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin:
 - (a) isem;
 - (b) indirizz postali;

- (c) indirizz elettroniku u siti tal-internet;
 - (d) numru ta' identifikazzjoni tal-VAT;
 - (e) lista tal-persuni taxxabbli li jirrappreżenta, flimkien mal-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u s-siti tal-internet, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru tal-kodiċi fiskali nazzjonali tagħhom.
3. Kwalunkwe persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali jew, meta applikabbli, l-intermedjarju tagħha, għandu jinnotifika lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta.

Artikolu 369q

1. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jalloka lill-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali u għandu jgħarrafha b'dak in-numru b'mezzi elettroniċi.
2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jalloka lil intermedjarju li jaġixxi għan-nom ta' persuna taxxabbli li juża din l-iskema speċjali numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali u għandu jgħarrfu b'dak in-numru b'mezzi elettroniċi. Meta intermedjarju jaġixxi għan-nom ta' aktar minn persuna taxxabbli waħda, dak in-numru ta' identifikazzjoni għandu japplika għall-attivitajiet kollha tiegħu relatati mat-tali persuni taxxabbli kollha skont din l-iskema.
3. In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT allokati skont il-paragrafi 1 u 2 għandu jintuża biss għall-finijiet ta' din l-iskema speċjali.

Artikolu 369r

1. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jeskludi lill-persuna taxxabbli mir-reġistru ta' identifikazzjoni fil-każijiet li ġejjin:
 - (a) jekk tinnotifika lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni li ma għadhiex tbigħ b'distanza merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi;

- (b) inkella jista' jiġi preżunt li waqfu l-attivitajiet ta' bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi;
 - (c) jekk ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali;
 - (d) jekk b'mod persistenti ma tikkonformax mar-regoli relatati ma' din l-iskema speċjali.
2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jeskludi lill-intermedjarju mir-reġistru ta' identifikazzjoni fil-każijiet li ġejjin:
- (a) jekk għal perijodu ta' sitt xhur kalendarji konsekuttivi ma jkunx aġixxa bħala intermedjarju għan-nom ta' persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali;
 - (b) jekk ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet l-oħrajn neċessarji biex jaġixxi bħala intermedjarju;
 - (c) jekk b'mod persistenti ma tikkonformax mar-regoli relatati ma' din l-iskema speċjali.

Artikolu 369s

Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali jew l-intermedjarju tagħha għandu jippreżenta b'mezzi elettroniċi lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni denunzja tal-VAT għal kull tliet xhur kalendarji kemm jekk sar bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi u kemm jekk le. Id-denunzja tal-VAT għandha tiġi ppreżentata fi żmien 30 jum mit-tmiem tal-perijodu tat-taxxa kopert mid-denunzja.

Meta denunzja tal-VAT tkun ġiet ippreżentata f'konformità mal-ewwel paragrafu, l-Istati Membri ma għandhomx jimponu, għall-finijiet tal-VAT, kwalunkwe obbligu addizzjonali jew xi formalità oħra mal-importazzjoni.

Artikolu 369t

1. Id-denunzja tal-VAT għandha turi n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fl-Artikolu 369q u, għal kull Stat Membru ta' konsum fejn hi dovuta l-VAT, il-valur totali, mingħajr VAT, tal-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi li għaliha tiġi imposta l-VAT matul il-perijodu tat-taxxa u l-ammont totali skont ir-rata tal-VAT korrispondenti. Ir-rati tal-VAT applikabbli u l-VAT totali dovuta għandhom jiġu indikati wkoll fid-denunzja.

2. Meta jkun jeħtieġ li ssir kwalunkwe emenda għad-denunzja tal-VAT wara l-preżentazzjoni tagħha, tali emenda għandha tiġi inkluża f'denunzja sussegwenti sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data li fiha kien jeħtieġ li tiġi ppreżentata d-denunzja inizjali skont l-Artikolu 369s. Dik id-denunzja sussegwenti tal-VAT għandha tidentifika l-Istat Membru ta' konsum rilevanti, il-perijodu tat-taxxa u l-ammont tal-VAT li għalih l-emendi jkunu meħtieġa.
3. Intermedjarju maħtur minn aktar minn persuna taxxabbli waħda li tuża din l-iskema speċjali ma għandux jintalab jispeċifika fid-denunzja tal-VAT il-provvisti magħmulin minn kull persuna taxxabbli li huwa responsabbli għall-ħlas tal-VAT tagħhom.

Artikolu 369u

1. Id-denunzja tal-VAT għandha ssir bl-euro.

L-Istati Membri li ma adottawx l-euro jistgħu jitolbu li d-denunzja tal-VAT issir bil-munita nazzjonali tagħhom. Jekk il-provvisti jkunu saru b'muniti oħrajn, il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali jew l-intermedjarju tagħha għandu, għall-finijiet ta' mili tad-denunzja tal-VAT, juża r-rata tal-kambju li tapplika fl-aħħar data tal-perijodu tat-taxxa.

2. Il-konverżjoni għandha ssir bl-applikazzjoni tar-rati tal-kambju ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew għal dak il-jum, jew, jekk ma jkun hemm l-ebda pubblikazzjoni f'dak il-jum, fil-jum tal-pubblikazzjoni li jmiss.

Artikolu 369v

Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali jew l-intermedju tagħha għandu jħallas il-VAT, filwaqt li jagħmel referenza għad-denunzja tal-VAT rilevanti, mhux aktar tard mill-iskadenza sa meta d-denunzja trid tiġi ppreżentata.

Il-ħlas għandu jsir f'kont bankarju denominat fl-euro, magħżul mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni. L-Istati Membri li ma adottawx l-euro jistgħu jitolbu li l-ħlas isir f'kont bankarju denominat fil-munita tagħhom stess.

Artikolu 369w

Il-persuna taxxabli li tuża din l-iskema speċjali ma tistax, fir-rigward tal-attivitajiet taxxabli tagħha koperti minn din l-iskema speċjali, tnaqqas il-VAT imġarrba fl-Istati Membri ta' konsum skont l-Artikolu 168 ta' din id-Direttiva. Minkejja l-punt (1) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 86/560/KEE u l-punt (1) tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/9/KE, il-persuna taxxabli inkwistjoni għandha tiġi rimborżata f'konformità ma' dawk id-Direttivi. L-Artikolu 2(2) u (3) u l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 86/560/KEE ma għandhomx japplikaw għal rifużjonijiet li jirrigwardaw merkanzija koperta minn din l-iskema speċjali.

Jekk ikun rikjest li l-persuna taxxabli li tuża din l-iskema speċjali tkun reġistrata fi Stat Membru għal attivitajiet mhux koperti minn din l-iskema speċjali, hija għandha tnaqqas il-VAT imġarrba f'dak l-Istat Membru fir-rigward tal-attivitajiet taxxabli tagħha li huma koperti minn din l-iskema speċjali fid-denunzja tal-VAT li għandha tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 250.

Artikolu 369x

1. Il-persuna taxxabli li tuża din l-iskema speċjali għandha żżomm ir-reġistri tat-transazzjonijiet koperti minn din l-iskema speċjali. Intermedjarju għandu jżomm ir-reġistri għal kull persuna taxxabli li jirrappreżenta. Dawk ir-reġistri għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru ta' konsum jivverifikaw li d-denunzja tal-VAT hija korretta.
2. Ir-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru disponibbli b'mezzi elettroniċi fuq talba għall-Istat Membru ta' konsum u għall-Istat Membru ta' identifikazzjoni.

Dawk ir-reġistri għandhom jinżammu għal perijodu ta' għaxar snin mill-aħħar tas-sena li matulha saret it-transazzjoni."

(28) Fit-Titolu XII, għandu jiżdied il-Kapitolu 7 li ġej:

"KAPITOLU 7

Arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u għall-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjonijiet

Artikolu 369y

Fejn, għall-importazzjoni ta' merkanzija f'kunsinni ta' valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150, ma tintużax l-iskema speċjali msemmija fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6, l-Istat Membru ta' importazzjoni għandu jippermetti lill-persuna, li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana għan-nom tal-persuna li għaliha hija destinata l-merkanzija fit-territorju tal-Komunità, tuża l-arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u għall-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjonijiet fir-rigward tal-merkanzija li l-bgħit u t-trasport tagħha jintemmu f'dak l-Istat Membru.

Artikolu 369z

1. Għall-finijiet ta' dan l-arranġament speċjali, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:
 - (a) il-persuna li għaliha hija destinata l-merkanzija għandha tkun responsabbli għall-ħlas tal-VAT;
 - (b) il-persuna li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana fit-territorju tal-Komunità għandha tkun responsabbli għall-ġbir tal-VAT mingħand il-persuna li għaliha hija destinata l-merkanzija u għat-twettiq tal-ħlas ta' tali VAT.
2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-persuna li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana fit-territorju tal-Komunità tiegħu l-miżuri adatti sabiex tiżgura li titħallas it-taxxa korretta mill-persuna li għaliha hija destinata l-merkanzija.

Artikolu 369za

B'deroga mill-Artikolu 94(2), ir-rata standard tal-VAT applikabbli fl-Istat Membru ta' importazzjoni għandha tkun applikabbli meta jintuża dan l-arranġament speċjali.

Artikolu 369zb

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-VAT miġbura skont dan l-arranġament speċjali tiġi rrapportata b'mod elettroniku f'dikjarazzjoni ta' kull xahar. Id-dikjarazzjoni għandha turi l-VAT totali miġbura matul ix-xahar kalendarju rilevanti.
2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-VAT imsemmija fil-paragrafu 1 titħallas sa tmiem ix-xahar ta' wara l-importazzjoni.
3. Il-persuni li jużaw dan l-arranġament speċjali għandhom iżommu reġistri tat-tranżazzjonijiet koperti minn dan l-arranġament speċjali għal perijodu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru ta' importazzjoni. Dawk ir-reġistri għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru ta' importazzjoni jivverifikaw li l-VAT iddikjarata hija korretta u li ssir disponibbli b'mod elettroniku fuq talba għall-Istat Membru ta' importazzjoni.

Artikolu 369zc

1. Il-valur tal-kambju tal-euro fil-munita nazzjonali li għandu jiġi kkunsidrat għall-ammonti msemmija fl-Artikoli 358(3a), 369l(1) u 369y tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jkun stabbilit darba fis-sena f'konformità mad-Direttiva 2009/132/KE. Ir-rati li għandhom ikunu applikati għandhom ikunu daww applikabbli fl-ewwel ġurnata tax-xogħol f'Ottubru u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.
2. L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw għad-dritt l-ammonti fil-munita nazzjonali billi jikkonvertu l-ammonti f'euro.
3. L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw l-ammonti tal-eżenzjonijiet fis-seħħ fil-ħin tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 1, jekk il-konverżjoni tal-ammonti tal-eżenzjonijiet espressi f'euro twassal, qabel ma jsir l-aġġustament għad-dritt kif previst fil-paragrafu 2, għal alterazzjoni ta' inqas minn 5 % fl-ammont espress fil-munita nazzjonali jew għal tnaqqis f'dak l-ammont."

Artikolu 3

Emenda għad-Direttiva 2009/132/KE

Mill-1 ta' Jannar 2021, għandu jitħassar it-Titolu IV tad-Direttiva 2009/132/KE.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikoli 2 u 3 ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva mill-1 ta' Jannar 2018.

Huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 2 u 3 ta' din id-Direttiva mill-1 ta' Jannar 2021.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

Proposta għal

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud⁹, u b'mod partikolari l-Artikolu 397 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011¹⁰ jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-preżunzjoni tal-post fejn ikun il-klijent biex jiġi ddeterminat il-lok tal-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, tax-xandir jew tas-servizzi furnuti b'mod elettroniku mogħtija lil persuni mhux taxxabbli.
- (2) L-evalwazzjoni tar-rekwiżiti għall-applikazzjoni ta' dawk il-preżunzjonijiet uriet li huwa estremament diffiċli biex il-persuna taxxabbli, stabbilita fi Stat Membru u li tforni servizzi bħal dawn lil persuna mhux taxxabbli fi Stati Membri oħra, tikseb, f'ċerti ċirkostanzi, żewġ elementi ta' evidenza mhux kontradittorji tal-post fejn il-klijent tagħha jkun stabbilit jew ikollu l-indirizz permanenti tiegħu jew normalment jgħix.

⁹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

¹⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1).

- (3) Il-piż huwa partikolarment kbir għal kumpaniji żgħar u ta' daqs medju. Ir-rekwiżit għal element wieħed ta' evidenza għandu jissimplifika l-obbligi għal kumpaniji bħal dawn li l-forniment intra-Komunitarji tagħhom lil konsumaturi fi Stati Membri oħra jkun taħt ċertu limitu.
- (4) Is-simplifikazzjoni tar-rekwiżit għal prova tal-post fejn ikun il-klijent hija komplementarja għall-emendi introdotti bl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill [...] /UE¹¹ fl-iskemi speċjali stabbiliti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE u għalhekk għandha tapplika mill-istess data.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 24b tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011, għandhom jiżdiedu t-tieni u t-tielet paragrafi li ġejjin:

"Għall-fornimenti ta' servizzi li jaqgħu taħt il-punt (d) tal-ewwel paragrafu fejn il-valur totali ta' fornimenti bħal dawn, mingħajr VAT, ipprovduti minn persuna taxxabli mill-istabbiliment tan-negozju tagħha jew stabbiliment fiss li jinsab fi Stat Membru li ma jaqzbux il-EUR 100 000, jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali, fis-sena kalendarja attwali u preċedenti, il-preżunzjoni għandha tkun li l-klijent ikun stabbilit, ikollu l-indirizz permanenti tiegħu jew normalment jgħix fil-post identifikat bħala tali mill-fornitur abbażi ta' element wieħed ta' evidenza ipprovdut minn persuna involuta fil-forniment tas-servizzi li ma tkunx il-fornitur jew il-klijent, kif elenkat fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 24f.

Fejn, matul sena kalendarja, ikun intlaħaq il-livell previst fit-tieni paragrafu, dak il-paragrafu ma għandux japplika minn dak il-mument u sakemm il-kondizzjonijiet previsti f'dak il-paragrafu jerġgħu jkunu ssodisfati.

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill [...] /UE ta' [...] li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti.

Il-valur korrispondenti tal-ammont fil-munita nazzjonali għandu jiġi kkalkulat billi tiġi applikata rata tal-kambju ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
